# 12. Ħsejjes ta’ Tfuliti

Niftakar il-ħsejjes
ta’ raħal twelidi
fi tfuliti:
Tal-ħanut igħajjat: “Kavalli l-vopi”
u ’l ommi ġejja
minn ħdejh
b’idha mimlija vopi
biex tixwihielna …
Lit-taħħan itawwat
bil-bronja tiegħu,
mat-triqat tar-raħal
u ’l ommi toħroġ biex minn għandu tieħu
tad-dqiq ix-xkora,
u mbagħad tmur il-forn tagħġen
u tiġi d-dar
b’kannestru mimli ħobż fuq rasha;
In-nagħġa tgħajjat
b’rasha mix-xatba ‘l barra
u ’l ommi tmur taħlibha
u mbagħad tagħmilli l-baqta.
Is-sagristan fuq l-orgni
kien jaf idoqq biss
id-daqqa tal-Milied
u kien idoqqha
is-sena kollha:
kienet il-għanja ta’ tfuliti
meta ommi kienet tħobbni
kif il-Madonna
ħabbet lill-Bambin ċkejken
fil-għar ta’ Betlehem.

10.11.1980